**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 250/2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Michael Debrincat**

__Illum, 1 ta' Novembru 2024__

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Michael Debrincat** detenur tal-karta tal-identita Maltija **4872G**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

- Nhar it-tlettax (13) ta' Frar 2022 ghall-habta tal- hamsa u ghaxra ta' wara nofsinhar (17:10hrs) ġewwa *plot* li tmiss min- naha tan-nofsinhar mad-dar bl-isem "Ta' Lavinja" gewwa Triq it-Trux, Gharb, Ghawdex bla hsieb li jisraq jew li jagħmel hsara kontra 1-ligi iżda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu fixkel lill-konjugi Dalli fil- pussess ta' hwejjighom -.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar id-9 ta' Lulju,2024, fejn sabet lill-esponenti hati tal-akkuża migjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' mitejn ewro (€200), u ordnat

lill-esponenti sabiex fi żmien xahar mid-data ta' dik is-sentenza jneħħi l-lenza li huwa jidher jaghmel fil-filmat eżebit bhala Dokument 1 mal-affidavit ta' PS 676 Edelon Spiteri.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Michael Debrincat preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-19 ta Lulju 2024 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellate u dana billi;

- Thassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġudikatura Kriminali fid-9 ta' Lulju 2024 fl-intier taghha u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena u inkluż billi tirrevoka l-ordni li tat l-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex 1- esponenti jneħħi l-lenza fuq msemmija.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

Illi l-esponenti hass ruhu ferm aggravat b'dik is-sentenza u wara li debitament talab is-sospensjoni tagħha fl-udjenza quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti dakinhar li inghatat is-sentenza umilment ressaq dan l-appell quddiem din l-Onorabbli Qorti;

Illi l-fatti li wasslu għal dan l-appell huma fis-succint kif ġej:

Dakinhar tat-13 ta' Frar 2022, 1-esponenti kien qiegħed fil-proprjetà tiegħu konsistenti minn dar u ġnien magħha bl-isem "Ta' Lavinja", Triq it-Trux, Għarb. Din id-dar hija konfinanti ma' proprjetà akkwistata mill-konjuġi Dalli fuq in-naħa tan-nofsinhar proprjetà li l-konjuġi Dalli akkwistaw fil-11 ta' Ottubru 2021.

Fil-ġnien tiegħu, l-esponenti kellu u għad għandu ffurmata trinka ossia gandott li kien ġie skavat fuq struzzjonijiet tieghu fl-24 ta' April 2021 ossia kważi għaxar xhur qabel l-"*incident*" mertu ta' din il-kawża, u ħames xhur u nofs qabel ma Dalli akkwistaw il-proprjetà tagħhom. Dan il-gandott jinsab biswit il-proprjetà ta' Dalli imma fl-intier tiegħu fil-proprjetà tal- esponenti. Dan il-gandott huwa intiż sabiex eventwalment

jinbnew fih il- pedamenti u hajt li l-esponenti ghandu intenzjoni li jibni, fil-proprjetà tieghu, attigwu għal-linja diviżorja bejn il-proprjetajiet rispettivi.

Kif jidher fil-filmat eżebit minn PS 676 Edelon Spiteri, hin minnhom l- esponenti niżel f'dan il-gandott u waħħal lenza minn naħa għal oħra tal- gandott. Din il-lenza bl-ebda mod ma tellfet lill-kwerelanti minn xi pussess li huma setgħu kellhom fuq ħwejjighom u dan huwa kkonfermat mill-fatt innifsu li kien biss kwazi sena wara l-allegat "*inċident*" li, fit-8 ta' Frar 2023, Dalli talbu li jittieħdu proċeduri kriminali kontra 1-esponenti.

11-filmat juri mingħajr ebda dubju li fl-ebda mument ma l-esponenti oltrepassa l-gandott li hemm fil-proprjetà tiegħu sabiex b'xi mod jidħol jew joltrepassa għal ġol-proprjetà ta' Dalli.

Madankollu, Dalli qegħdin jallegaw li l-esponenti daħal fil-proprjetà tagħhom u infatti meta huma marru l-ewwel darba għand il-Pulizija, fis- 27 ta' Dicembru 2022 iktar minn ghaxar xhur wara l-hekk imsejjaħ incident anki jekk huma semmew li l-esponenti jidher iwaħħal din il- lenza, huma ma Imentawx mit-twahhil tal-lenza *per se,* imma mill-fatt li, skont huma, l-esponenti "*dahal fil-proprjetà taghħhom mingħajr awtorizzazzjoni*".

L-aggravju huwa wieħed car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

L-akkuża kontra l-esponenti hija espressament limitata għal dik il-parti mill-artikolu 85(1) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jippunixxi lil min "*ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' ħwejġu*". Issa, kif tajjeb irrimarkat l-Ewwel Onorabbli Qorti fid-diversi sentenzi li hija ċċitat minnhom, żewġ elementi essenzjali ta' dan ir-reat huma.

i. dak tal-pussess tal-oġġett inkwistjoni f'idejn il-kwerelant fiż- żmien qabel u sa dakinhar li jkun sehh l-allegat reat, abbinat mal-att estern li jispolja lil ħaddiehor minn dik il-ħaġa li l- kwerelant ikun qiegħed igawdi[1].

Dawn l-elementi insibuhom enfażizzati wkoll fis-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti (ippreseduta mil-Onor. Imhallef Dr. Patrick Vella) fit-22 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Joseph Bongailas**" fejn il-Qorti sahqet:

L-**Artikolu 85** tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl- ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L- imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-proprjeta" taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga. Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan 1- allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.

F'dik il-kawża, l-akkużat kien bidel is-serratura tal-fond fejn kienu jabitaw l-ekx martu u ibnu immedjatament li ż-żwieġ tiegħu mal-kwerelanti ġie annullat b'sentenza tal-Qorti u għalhekk indubitament il-kwerelanti kellha 1-pussess fiziku tal-fond qabel ma twettaq l-att addebitat lill-akkużat u dan il-pussess ġie turbat bl-aġir tal-akkużat.

Hekk ukoll fil-fattispecje tal-każ deċiż minn din l-Onorabbli Qorti (ippreseduta mil-Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima) fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Salvino Debrincat"**, l-appellant kien bena hajt immedjatament biswit żewġ twieqi li l-kwerelanti kellhom iharsu ghal fuq il-proprjetà tiegħu u għalhekk dawn l-elementi ġew soddisfatti. Dan wassal lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li "*kien jeżisti stat ta' fatt li unilateralment inbidel minnu, stat ta' fatt li minnu kienu naxxenti xi drittijiet ta' servitu'*

[1] **Il-Pulizija vs George Bonavia** et deciza fl-14 ta' Ottubru 1944 Kollezz XXXII.iv.768 )kif citata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appelli Krim,inali **f'Il-pulizija vs Emanueal Muscat** datata 30ta Settembru, 1996

*ta' prospett, dawl u arja li kienet tgawdi l-kwerelanti u li l-appellant iddečieda li jaghlaq bil-bini ta' ħajt fil-proprejta' tiegħu għaliex jikkontendi illi huwa seta' jagħmel dan filproprjeta' tiegħu u dan għaliex l-kwerelanti ma tgawdi ebda drittijiet petitorji jew ta' servitu'. L-appellant għalhekk użurpa għalih innifsu il-poter mogħti lill-awtorita' pubblika sabiex jagħmel hu minn jeddu dak li dehrlu kien dritt tiegħu li jagħmel."*

Huwa car hawnhekk li l-pussess li minnu jittratta l-Artikolu 85(1) Kap 9 u li għandu jservi bhala bażi tal-apprezzament tal-Qorti huwa dak fiziku u materjali u mhux il-pussess legali. Tant huwa hekk li f'diversi kawżi, il- Qrati tagħna jagħmlu distinzjoni bejn min għandu l-pussess materjali, anki jekk dan ikun ibbażat fuq mera tolleranza mingħand is-sid, u t-titolari tad- dritt, u dejjem ikkonkludew li huwa l-pussess materjali li huwa s-suġġett tal-protezzjoni mogħtija b'dan l-Artikolu.

Madankollu l-kwadru fattwali f'din il-kawża huma radikalment differenti mill-fattispecje eżaminati fis-sentenzi appena ċċitati hawn fuq, u huwa hawnhekk li, fl-umili sottomissjoni tal-esponenti, l-Ewwel Onorabbli Qorti immisinterpretat il-provi li tressqu quddiemha.

Fil-każ odjern, minn banda, il-konjugi Dalli qatt ma kellhom xi forma ta' pussess fuq l-art li fiha kien jinsab l-esponenti dakinhar tat-13 ta' Frar 2022, u fejn huwa waħħal il-lenza in kwistjoni. U mill-banda l-oħra, il- lenza li twaħħlet mill-esponenti bl-ebda mod u manjiera ma tista' titqies li, anki jekk għall-grazzja tal-argument biss, u mingħajr preġudizzju għas- suespost, jista' jitqies li Dalli kellhom xi pussess fuq dik l-art, tellfet il- pussess ta' Dalli jew spoljathom minn tali pussess.

L-esponenti jemmen li l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet ġiet sgwidata mill-kwerelanti meta huma ripetutament sostnew li huma kellhom il- pussess materjali tal-gandott fejn l-esponenti waħħal il-lenza.

Il-kwerelanti bbażaw dawn l-allegazzjonijiet fuq il-pretensjoni li x-xibka 1-hadra li tidher fil-footage eżebit mill-kwerelanti hija mwaħħla fil-linja medjana bejn il-proprjetajiet rispettivi, u jekk l-esponenti mexa iktar lejn in-nofsinhar mix-xibka, allura awtomatikament huwa jkun dahal fil- proprjetà tagħhom.

Dan jgħidu ripetutament il-kwerelant fix-xhieda tiegħu fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2023 fejn insibuh (a fol. 13 tal-proċess) jagħmel referenza ghal "*...xibka ħadra m'għoli ta' żewt metri... li s-sur Debrincat kien wahhalha fxi żmien wara April 2021. F'dawk ir-ritratti u sia l-video jindikaw li s-sur Debrincat kien qabeż dik ix-xibka li wahhal hu stess u dahal hawn gew...*" fil-proprjetà tagħhom. Imbagħad, il-kwerelanti dahal f'ħafna teknikalitajiet ta' '*correlation*' biex jispjega kif skont huwa 1- esponenti qabeż il-linja medjana bejn il-proprjetajiet dakinhar tat-13 ta' Frar 2022.

Fit-trattazzjoni orali quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-kwerelanti marru sahansitra oltre minn dan ghaliex fil-waqt li ghamlu referenza ghal- pjanta magħmula mil-kwerelanti stess Dokument PD3 (fol. 48 tal-process) bdew isostnu li "*...fejn hemm is-sinjali hodor, homor u blue juri fil-fatt fejn qieghda l-linja divizorja bejn il-partijiet, fejn hi x-xibka u fejn hemm it-trinka. Issa s-sinjal li huwa iswed imtektek sewwa! Dak huwa l-linja divizorja. Ix-xibka hija lil'hawn mil-linja divizorja, jiġifieri qegħda fil- proprjetà ta' Dalli. It-trinka wkoll qegħda fil-proprjetà ta' Dalli. Issa fix- xhieda tiegħu, Paul Dalli kkonferma illi x-xibka qegħda fil-proprjetà tiegħu u kkonferma wkoll... it-trinka wkoll qegħda fil-proprjetà tiegħu*" (fol. 95 tal-proċess).

It-teżi tal-kwerelanti fil-fatt hija mibnija fuq l-allegazzjoni li bil-fatt li l- esponenti qabeż ix-xibka l-hadra, u daħal fit-trinka, huwa oltrepassa l-linja medjana u dahal fil-proprjetà ta' Dalli, u bit-twahhil tal-lenza, huwa spoljahom mill-pussess ta' ħwejjighom.

Din it-teżi hija waħda fallaċi ghall-aħħar.

Kien fil-kontro-eżami tiegħu, u wara li pprova jevita milli jirrispondi d- domanda li saritlu, li l-kwerelanti (fol. 16 tal-proċess) jammetti li x-xibka l-hadra ma hijiex qegħda mwahhla fuq il-linja medjana bejn il- proprjetajiet rispettivi, imma irtirata l'ġewwa għal ġol-proprjetà tal- esponenti. Fil-kontro-eżami, huwa jkompli jilmenta mill-fatt li l-esponenti wahhal din ix-xibka l-hadra "*wara li sibnih b'mod illegali jhaffer fil-plot tagħna; ġimgħa wara nsibuha mwahhla..*".

Immedjatament saritlu d-domanda:

*"Issa, meta qed issemmi li beda jhaffer fil-plot taghkom, meta thaffer il- gandott li hemm jeżistu llum?*

Xhud: *fl-24 ta' April tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021).*

*Dr Carmelo Galea: dakinhar inti kont għadek mhux il-proprjetarju, nagblu?...dak sar qabel ma xtrajt int.*

Ix-xhud: qabel ma xtrajt jien, ehe... (fol. 17 tal-proċess)". *Iktar tard fil-kontro-eżami tiegħu (fol. 20 tal-proċess) il-kwerelanti jammetti essenzjalment li l-video li ppreżenta huwa juri lill-esponenti qiegħed fil-gandott li l-istess esponenti kien haffer lura fl-2021, u skont huwa, l-unika "vjolazzjoni tal-proprjetà tiegħu kienet tikkonsisti fil-fatt li sabiex nieżel fil-gandott, l-esponenti serrah siequ mal-ħamrija fil- proprjetà tal-istess rikorrenti. Ghalkemm huwa baqa' jsostni li l-gandott qiegħed fil-proprjetà tiegħu, huwa jirrikonoxxi li l-gandott "....jista' jkun li baqa' l-istess, jista' jkun...*" (fol. 19 tal-proċess).

Huwa fatt ukoll li ebda passi legali ma kienu ttieħdu fil-konfront tal- esponent, inkluż ittri uffiċjali jew kawża ta' spoll, rigward l-iskavar ta' dan il-gandott mill-kwerelanti jew mis-sid precedenti tal-proprjetà li akkwistaw, kif ikkonferma wkoll il-kwerelant Paul Dalli *...jien m'ghamiltlux ghax dak iz-zmien ma kontx naf hux ser immexxu ghal-kuntratt u is-sinjuri Donat m'ghamlux lanqas...* (fol. 17 tal-process). Hawnhekk qed issir referenza għas-sid precedenti tal-proprjetà akkwistata mill-kwerelanti għaliex f'April 2021, meta thammel l-imsemmi gandott, il-kwerelanti lanqas biss kien għadu sar is-sid tal-proprjetà kif indikat hawn fuq. (fol.16 u 17 tal-proċess)

Importanti li jiġı nnotat li f'kull ritratt li fih l-esponenti jidher bil-lenza f'idu, il-kwerelanti nnifsu jammetti li l-esponenti kien jinsab fil-gandott u mhux f'xi parti iktar

lejn in-nofsinhar minn dak il-gandott. Dan il-fatt huwa del resto kkonfermat kjarament u mingħajr ebda dubju meta wiehed jara l-*video* eżebit mill-kwerelanti.

Il-falsità tal-allegazzjonijiet tal-kwerelanti tfaċċat konsegwenza tal-fatt li fil-frattemp bejn il-perjodu meta xehed huwa u meta ġie biex jixhed 1-esponenti, fis-seduta tal-1 ta' Frar 2024, il-kwerelanti lahaq bena parti mill-kumplament tal-ħajt divizorju bejn il-proprjetajiet rispettivi.

L-esponenti xehed hekk (a fol. 59 tal-proċess) "*.... Dakinhar jien kont qiegħed hemmhekk fil-proprjetà tieghi, jiġifieri f'dak it-trench li kont għamilt fil-proprjetà tieghi, li issa għadu hemm sal-lum kif qed juru r- ritratti, u tidher ukoll dik il-green net, imma l-green net qegħda iktar il'ġewwa fil-proprjetà tiegħi, jiġifieri dik qegħda lejn it-tramuntana....*".

Issa din it-trinka tidher li baqgħet l-istess, u ma ntmessitx meta l-kwerelanti bena l-hajt tiegħu, kif jidher fir-ritratti eżebiti mill-esponenti bhala Dokumenti MD1 u MD2 (a fol. 65 u 66 tal-proċess). Ir-ritratt MD1 b'mod partikolari juri li Dalli nnifsu bena l-hajt tiegħu (mmarkat 'Dalli Wall) riċentament biswit it-trinka ossia gandott li jinsab fil-proprjetá tal- esponenti (mmarkata 'Debrincat Trench), imma mhux f'dak il-gandott, mentri MD2 juri li x-xibka l-hadra (mmarkata Green Net), li Dalli f'ċertu stanzi jgħid li qegħda fil-proprjetà tal-esponenti u stanzi ohra jgħid li hija fil-proprjetà tiegħu (fol. 16 u 17 tal-process) fir-realta tinsab fuq in-naħa l- ohra tat-trinka, u ċjoe, kif dejjem sostna l-esponenti, iktar il'ġewwa fil- proprjetà tal-esponenti.

L-esponenti spjega wkoll li l-pożizzjoni li l-kwerelanti immarka fuq id- dokument PD4 b'referenza ghal "*photo 2*" eżebit mill-istess kwerelanti (fol.50 tal-proċess) hija żbaljata u intiza biex tisgwida għaliex fil-*video* jidher čar li huwa qatt ma hareġ il-barra mit-trinka ghal ġol-proprjetá tal- kwerelanti, u għalhekk čertament ma resaqx lejn in-nofs tal-proprjetà tal- kwerelanti.

Huwa sottomess bir-rispett li dawn il-fatturi kollha mhux biss joholqu dubbju raġjonevoli kontra t-teżi tal-prosekuzzjoni, imma pożittivament jeskludu kull possibbiltà li:

i. il-kwerelanti kellhom xi darba l-pussess tal-art fejn hemm ix-xibka 1-hadra, fejn hemm it-trinka, u fejn, fil-vidjo eżebit mill- kwerelanti, l-esponenti jidher jimxi f'din it-trinka u fejn waħħal il- lenza minn punt ghal iehor,

ii. din il-lenza b'xi mod fixklet lill-kwerelanti fil-pussess ta' hwejjighom.

L-Ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta meta qalet li "*...Mhuwiex il- kompitu tal-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li tidħol u teżamina l-kwistjoni dwar jekk il-proprjetà hijiex tal-kwerelant jew le jew inkella 1-kwerelant għandux jedd għad-dritt reklamat minnu...*" imma imbagħad hija skartat kompletament dan il-prinċipju meta, a fol. 9 tas-sentenza hija ddikjarat li "*...Il-parti civili infatti ppreżentaw il-kuntratt tal-akkwist tagħhom datat ħdax ta' Ottubru 2021 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Joel Grima biex jindikaw it-titolu u l-pussess tal-proprjetà tagħhom...*". Bir-rispett kollu dovut, l-eżistenza ta' kuntratt ta' akkwist ma jikkostitwixxix il-prova tal- pussess materjali u fiżiku tal-oġġett ta' dak il-kuntratt, imma jekk xejn jista' jittrasferixxi proprjetà u dritt ġuridiku li l-akkwirent jirreklama 1- pussess ta' dik il-haga mingħand min jista' jkun qed jippossjediha illegalment. Biex nieħdu eżempju estrem, il-fatt li Sempronju jakkwista 1- proprjetà tal-Kattidral ta' Għawdex ma jivvesitx lill-akkwirent bil-pussess fiziku u materjali tal-Kattidral b'mod u manjiera li dak l-akkwirent ikun jista' jipproċedi b'kawża taħt l-Artikolu 85(1) tal-Kap. 9 kontra l- amministrazzjoni tal-Kattidral jekk din tibqa' teżerċita l-pussess materjali li hija għandha fuq dak il-Kattidral.

Lanqas ma jiswa l-argument li għaliex il-parti ċivili għandha l-proprjetà u l-pussess tal-art attigwa ghal tal-esponenti, isegwi li dak il-pussess jestendi ghal fuq l-art fejn hemm ix-xibka 1-hadra u t-trinka, art li l-esponenti kien ilu li akkwista iktar minn

erbgħa u għoxrin (24) sena ilu (permezz ta' kuntratt tal-14 ta' Jannar 2000 ppublikat fl-atti tan-Nutar Silvio Hili), meta d-dokumenti juru li, irrispettivament mill-kwistjonijiet bejn il- partijiet dwar l-estensjoni tal-proprjetà rispettiva, dawn kienu minn dejjem fil-pussess materjali u fiżiku tal-esponenti u fuqhom il-parti ċivili qatt ma kellhom xi forma ta' pussess.

Tant huwa hekk li minkejja l-eżistenza ta' din il-lenza, u kif jidher mir- ritratti MD1 u MD2 (fol. 65 u 66 tal-proċess), il-parti ċivili bnew parti mil- ħajt divizorju, fil-linja korretta, mingħajr ebda intopp jew xkiel; u f'ebda punt ma kien hemm xi ħtieġa li jaqilgħu l-lenza li tinsab fil-proprietà fil- pussess tal-esponenti. Dan il-fatt minnu nnifsu jikkonferma ż-żewġ elementi li fuqhom huwa bbażat dan l-appell, u ċjoe li ;-

(i) il-lenza tqegħdet fl-intier tagħha fil-proprjetà li kienet minn dejjem tinsab fil-pussess esklużiv tal-esponenti; u

(ii) (ii) din il-lenza f'ebda mument ma fixklet lill- parti ċivili mill-pussess ta' ħwejjighom.

Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tat-28 ta' Awwissu 2024.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Principlament l-appellant jistqarr fir-rikors tal-appell tieghu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti kif imresqa quddiemha u dan ghaliex l-appellant pogga l-lenza fil-proprjeta tieghu u fl-ebda hin ma tpusessja l-parte civile minn godiment ta' xi dritt.

Illi in suċċint ghalhekk l-appellant qiegħed jisħaq illi hu ma setax jinstab ħati tar-reat ta' 'l hekk imsejjah raggion fattasi u dan peress illi l-elementi mehtiega sabiex tissussisti r-reita' ma jikkonfigurawx rwiehom mill-fattispecje tal-kaz, kif lanqas allura jista' jirrizulta l-element formali. Illi sabiex jigu mistharrga l-aggravji mqanqla mill-

appellant, il-Qorti tezamina mill-gdid l-atti tal-kawza u taghmel apprezzament tax-xhieda imresqa.

Illi f'din il-kawza il-prosekuzzjoni resqet is-segwenti provi.

**PS 676 E Spiteri** xehed permezz ta' affidavit prezentat fl-atti fis-seduta tal-10 ta' Novembru, 2023. Spjega li nhar is-27 ta' Dicembru 2022 Paul Dalli flimkien ma' Daniela Dalli marru jirraportaw l-ghassa tar-Rabat Ghawdex bhala sidien tal-plot li tmiss minn naha ta' nofsinhar mad-dar bl-isem 'Ta Lavinja' proprjeta ta' Michael Debrincat li tinsab fi Triq ta' Trux, Gharb. Dawn allegaw li Michael Debrincat kien dahal kemm il-darba bla permess fil-plot taghhom tant li fid-29 ta' Jannar 2022 sabu nota imwahhla mal-vurga tal-lenza mwahhla fejn Debrincat qed jippretendi li hemm il-linja divizorja, b'informazzjoni rigward l-imsemmija linja tal-proprjeta fejn hemm imsemmi certu perit G Grech. Huma stqarrew li dan il-perit jirrizulta inestistenti. Stqarrew ukoll li nhar it-13 ta' Frar, 2022 fil-17.10p.m l-imputat deher fuq CCTV qieghed iwahhal lenza matul id-divizjoni gewwa l-proprejta tal-konjugi Dalli u ghalhekk kien dahal fil-proprjeta taghhom minghajr awtorizazzjoni u talbu sabiex jinhargu akkuzi ta' *pretended rights.*

Sussegwentement Dalli talbu sabiex jitwaqqaf r-rapport. Imma nhar it-8 ta' Frar, 2022 regghu avvicinawh u talbuh sabiex jinhargu l-akkuzi. Ghalhekk nhar it-8 ta' Frar, 2023 l-imsemmi Debrincat gie imsejjah gewwa l-ghassa tar-Rabat fejn kien assistit minn Dr C Galea u gie nfurmat bir-rapport u gie muri l-filmat anness bhala Dok 1 fejn hu stqarr '*jien fl-ebda hin ma dhalt gewwal-proprjeta taghhom. Jien nidher miexi fil-proprjeta tieghi.'*

Rat l-okkorenza[2] esebita fl-atti redatta minn **PS 676 Edelon Kerubin Spiteri** nhar it-18 ta' Frar 2022 dwar incident li kien allegatament sehh nhar it-13 ta' Frar 2022 ghall-habta tal-17.10 p.m.

Rat ix-xhieda tal-**perit Paul Dalli** moghtija nhar l-10 ta' Novembru, 2023 u jghid li jaf lill-imputat ghaliex huwa il-gar tieghu fuq in-naha tat-tramuntana tal-plot li kienu xtraw fis-sena 2021 fi Triq it-Trux, l-Gharb. Huwa pprezenta il-kuntratt ta' akkwist datat 31 ta' Mejju, 2000 li gie markat bhala dok dok PD1 ta meta l-0imputat u martu

---

[2] Fol. 8 tal-atti

xtraw il-prorpejta taghhom minghand Peter Donalds. Ma dan il-kuntratt hemm pjanta li hija mmarkata bhala Dok B. Esebixxa ukoll il-kuntratt ta' akkwist tieghu u ta' Daniela Dalli minghand Peter u Charmaine Donat datat 11 ta' Ottubru 2021.

Spjega li nhar it-13 ta' Frar, 2021 l-imputat inqabad fuq il-cameras li ghandu juru fuq in-naha tal-plot tieghu jidhol gol-plot taghhom u mhux biss dahal imma wahhal lenza u virga biex jaghmel pretensjoni li dik il-parti tal-proprjeta hija tieghu. Huwa pprezenta pjanta li giet markata bhala dok POD3. Huwa ghamel salib fuq din il-pjanta biex juri fejn kien l-imputat. Huwa pprezenta sett stils mehuda mic-CCTV filmat li gew mmarkati bhala dok PD4. Ix-xhud pprezenta ukoll il-footage mehud mic-CCTV datat 13 ta' Frar 2022 ghall-habta tal-5.10p.m fuq USB li giet mmarkata bhala Dok PD5 li gie eventwalment ukoll irtirat fix-xhieda tieghu iktar tard. Spjega li fuq il-pjanta hemm linja dotted hadra li tindika x-xibka hadra m'gholi ta' madwar zewg metri u li kien wahhal is-sur Debrincat xi zmien wara April 2021. F'dawk ir-ritratti ossia l-video hemm is-sur Debrincat jaqbez ix-xibka li wahhal hu stess u dahal gol-plot. Il-Qorti immarkat bil-lapes fejn skond ix-xhud l-akkuzat dahal fil-proprjeta ta' Dalli. Jghid li qabel ma xtara il-proprjeta tieghu kienu qallu lill-imputat sabiex ma jidholx fil-proprjeta taghhom. Xi hmistax wara li ghamlu l-konvenju sabu lis-sur Debrincat ihaffer fuq in-naha ta' wara biex ifittex jibni dak il-hajt ta' wara. Jghid li kien inghata permess minghand ta' Donat. Mistoqsi min hu Donat jghid li huwa Peter Donat l-awtur minghand min xtraw l-plot taghhom.

Fid-29 ta' Jannar rega' dahal minghajr permess la taghhom u lanqas ta' Donat u wahhal virga, lenza ohra u halla nota fejn ghamel referenza ghal Preit G Grech liema perit ma jesistix. In-nota giet esebita u mmarkata bhala dok PD5. Ikkonferma li d-DVD u l-USB ghandhom l-istess informazzjoni fuqhom u ghalhekk irtira l-USB li kien ipprezenta. Jghid li l-imputat dahal fil-proprejta tieghu sabiex juri parti mill-proprjeta li mhiex tieghu bhala tieghu. Il-lenza hija uzata bhala linja divizorja.

In kontro esami jghid li ix-xibka li kien wehhel l-imputata ma hix mal-linja divisorja izda jghid li l-imputat qed jippretendi li jista iwahhal lenza bhala linja divisorja. Qal li sabha hemm gimgha wara li l-imputat haffer il-plot taghhom b'mod illegali. Ikkonferma li l-gandott l-imputat hafru fl-24 ta' April 2021. Fuq il-pjanta esebita

immarka bl-ittra A sa A fejn hemm mibni l-hajt u bl-ittra B sa B fejn hemm il-gandott u fejn hemm il-lenza. Fil-punt AB hemm il-punt fejn ix-xibka tinghaqqad mal-hajt tas-sejjieh. Fil-fatt ix-xibka dahhalha 'l gewwa lejn il-proprjeta tieghu u mhux mal-linja divisorja. Dan kollu sar qabel ma kien xtara hu minghand Peter Donat . Jikkonferma li huwa fl-ebda hin ma mexxa kontra l-imputat dwar dak li ghamel fir rigward tat-thaffir tal-gandott u lanqas is-sinjuri Donat ma ghamlu xi haga. Jaqbel li l-sitat tal-gandott baqa' l-istess kif kien fl-24 ta' April 2021. Mistoqsi dwar ir-ritratt fejn jidher l-imputat ix-xhud jikkonferma li qieghed fil-gandott li haffer hu stess.

L-**imputat Michael Debrincat** xehed minn jeddu nhar l-1 ta' Frar 2024 u b'mod kategoriku jichad li dahal fil-proprjeta tal-parte civile. Huwa pprezenta ritratt li gie mmarkat bhala dok MD u jghid li dan huwa Dalli walli li dakinhar tal-kaz ma kienx ghadu inbena. Jikkonferma li x-xibka hadra li hemm fir-ritratt kien ghamilha hu sabiex jghalaq it-territorju tieghu minhabba privacy. Dwar Debrincat Grech jghid li t-trinka kien hammilha hu kif effetivament kien anke kkonferma s-sur Dalli u dan fl-24 ta' April 2021. U dan sabiex ikompli jibni l-hajt li ghandu tad-divisorju li ghandu bejn il-proprjeta tieghu u dik tal-konjugi Dalli. Qal li l-hajt divisorju fih xi 140 pied izda l-ahhar erbghin pied kien ghadu mhux mibni. B'referenza ghal filmat fejn jidher fit-trench jghid li huwa kien fil-proprjeta tieghu liema trinka ghadha hemm sa dakinhar li xehed. Hemm ukoll ix-xibka l-hadra li qeda iktar 'l gewwa mill-linja divisorja kif del resto stqarr Dalli ukoll fix-xhieda tieghu. Jghid li qatt ma qabez it-trinka u dahal fil-proprjeta ta' Dalli. Jghid li mill-footage jidher nizel fit-trinka u jimxi tul it-trinka kollha. Jidher minn qaddu 'l fuq u huwa hiereg jidher tiela ghall-ghalqa tieghu. Jghid li meta haffer it-trinka l-proprjeta ta' ma genbu kienet tappartjeni lill-konjugi Donat u mhux lil Dalli. B'refernza ghad-dokument mmarkat bhala Dok MD2 jghid li dan hu ritratt ta' xibka hadra li tidher qeghda fil-proprjeta tieghu. Id-dokument MD3 juri id-Debrincat wall li kien ilu mibni l' fuq minn ghoxrin sena u hemm ukoll id-Dalli wall fejn kien qed jinbeda f'dawk iz-zmienijiet li xehed. Dan ir-ritratt juri li Dalli kien qed itella qosra ghalih gol-plot tieghu. Mistoqsi x'inhu l-ispazju kulur iswed jghid li hu qatran tal-plastik. Bejniethom ma hemmx spazzju jmissu ma' xulxin. Dan il-plastik iswed ghamlu Dalli sabiex ma jkunx hemm umdita . Id-dok MD 4 juri lill-parte civile

isaqqaf il-hajt tieghu li bena ricentement. Jikkonkludi x-xhieda tieghu u ghal darb ohra jichad li dahal fil-proprejta ta' Dalli  izda dejjem qaghad fil-proprjeta tieghu.

In kontro esami nhar it-8 ta' April 2024 jghid li l-proprjeta li ghandu is-sur Dalli originarjament kienet tieghu izda hu kien bieghha oil terzi u dawn bieghuha lil konjudi Dalli.  Qal li skond il-kuntratti taghhom kulhadd kellu jibni l-qoxra tieghu fuq in-naha tal-proprjeta tieghu.

**<u>Ikkunsidrat</u>**.

Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

L-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali ma teħtieġx li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,6 li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Peralta deċiża mill-

Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> *Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*
>
> *L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex*

*prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.*[3]

Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **<u>Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino</u>** deċiża mill Qorti Kriminali

[3] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> *Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".*

In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Vincent Calleja</u>** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill- Qorti tal-Maġistrati.

Issa fil-kaz in desamina l-appellant hu akkuzat bir-reat specifiku ta' raggion fattasi kif previst fl-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-offiza tar-ragion fattasi dderivat fil-ligi taghna mill-Artikolu 168 tal-Kodici Naplitan jew Codice del Regno delle due Sicilie tal-1819. L-offiza giet klassifikata mil-legislatur taghna bhala wahda mid-delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet ohra. Il-**Professur Sir Anthony Mamo** fin-noti tieghu fuq il-Ligi Kriminali fit-tieni volum, iddeskriva dawn l-offizi kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja bhala s-segwenti:

*'These crimes attack the State but indirectly, inasmuch as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'*

Il-gurista **Francesco Carrara** fil-ktieb tieghu[4] jiddefinixxi l-offiza tar-ragion fattasi bhala ssegwenti:

*'La ragion fattasi è il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.'*

L-Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fil-kawza **Il-Pulizija -vs-Anthony Micallef**[5] ddefiniet din il-offiza bhala s-segwenti:

*'Ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u aktar preċiżament id-delitt ta' l-użu kontra l-ligi mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita' pubblika.* ***L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali hu intiż mhux biex jipproteġi l-proprjeta', mobbli jew immobli, ta' dak li jkun - għal tali protezzjoni hemm l-azzjoni ċivili – iżda biex jipprevjeni l-użurpazzjoni mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita' pubblika****. Isegwi għalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni mogħtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet ċivili, jekk jirriżulta bħala fatt li kien hemm l-użurpazzjoni ravviżata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jaġixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.'* (enfazi mizjuda)

Minn hawn johrog bic-car li l-Qrati ta' Gustizzja Kriminali fl-ezami tal-imputazzjoni taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali huma mghobbija bl-ezami jekk il-privat u f'dan

[4] Volum V fil-Parti Specjali

[5] Appell Kriminali numru: 232/2002 deciza fit-30 ta' Lulju 2004 mill-Imhallef Emeritus V. De Gaetano.

il-kaz l-imputati appellanti Michael Debrincat, uzawx l-awtorita' tieghu nnifsu flok irrikorra ghand l-Awtoritajiet kompetenti.

Kif tajjeb osservat id-difiza il-gurista **Francesco Carrara** fil-ktieb tieghu fuq kwotat jelenka erbgha (4) elementi li jridu jissussistu sabiex imputat jinstab hati ghar-reat. Dawn l-elementi huma s-segwenti:

> '1. *Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo;*
>
> *2. Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto;*
>
> *3. Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati;*
>
> *4. Mancanza di titolo piu grave.'*

Dawn l-erba' elementi gew adottati fil-Qrati taghna fosthom fil-kawzi **<u>Il-Pulizija -vs- Giuseppe Bonavia et</u>**[6], **<u>Il-Pulizija -vs- Salvatore Farrugia</u>**[7] u **<u>Il-Pulizija -vs- Professur Henry Frendo</u>**[8] li huma ssegwenti:

> *'Kif inhu risaput, l-erba' elementi li jridu jikkonkorru biex jikkonfigura ruhhu r-reat ta' ragion fattasi huma:-*
>
> *(1) att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor,*
>
> *(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt,*
>
> *(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika, u*
>
> *(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.*

[6] Deciza nhar l-14 ta' Ottubru 1944 mill-Qorti tal-Appell.
[7] Deciza nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-Qorti tal-Appell
[8] Deciza nhar id-19 ta' Awwissu 2005 mill-Qorti tal-Appell.

**Att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor**

Fil-kaz odjern qed jigi allegat li l-appellanti qabad u dahal fil-proprjeta tal-kwerelanti minghajr permess minghandu. Il-kwerelanti fl-ebda hin ma jghid li gie spussesjat mill-goidiment tal-prorpjeta tieghu. Jghid biss li l-imputat qabad u dahal fil-fond tieghu minghajr ebda awtorizazzjoni. L-imputat dan jichdu izda anke kieku kien minnu li l-prosekuzzjoni ppruvat li l-imputat dahal fil-proprejta tal-kwerelanti ma setghetx tieqaf hemm izda kellha tipprova li bl-agir tieghu spolja lill-kwerelanti minn haga li kienu qed igawdu. Ma hemmx dubbju kif anke jidher mill-filmat esebit li l-imputat kien fit-trinka li haffer hu stess, liema trinka qatt ma kienet fil-pusess tal-kwerelanti u ghalhekk dan l-ewwel element ma jreggix.

Ghalhekk huwa mehtieg li l-kwerelanti jippruvaw li kellhom pusess tat-trinka li tinsab fil-proprjeta tal-imputat stess u li giet imhaffra minnu ukoll f'April 2021. Fir-rigward tal-esebizzjoni tal-kuntratt jinghad fis-sentenza **Il-Pulizija -vs- Joseph Bianco**[9] li:

> ***'Il-prosekuzzjoni esebiet diversi kuntratti sabiex tipprova it-titolu ta' din l-ghalqa u l-Qorti tirrileva li ai fini ta' dan ir-reat m'hemmx lok li jigi ppruvat it-titolu; huwa necessarju biss li l-prosekuzzjoni tipprova l-pussess u li tali pussess gie mfixkel b'azzjoni ta' terzi sabiex b'hekk il-pussessur ma setghax igawdi l-pussess liberu tal-oggett.'***

**Il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt**

Illi hawnhekk jrid jigi determinat x'intenzjoni kellu l-appellant meta ghamel dak li ghamel jekk hija intenzjoni li jiehu l-ligi b'idejh u dan biex jezercita dritt li jahseb li

[9] Deciza nhar il-5 ta' Marzu 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

ghandu jew inkella intenzjoni ohra li tikwalifika f'reat divers minn dak li qieghed jigi ezaminat. Hekk inghad fis-sentenza **Il-Pulizija -vs- Eileen Said**:

> *"Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju.*
> *Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha*[10]

Hu risaput – u dan, del resto johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina – li l-istess att materjali jista jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana ir-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu irrilevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika. Fi kliem il-gurista Antolisei: "*quanto all'elemento soggettivo generalmente si afferma che occorre un dolo specifico, il quale sarebbe costituito dal fine di esercitare un preteso diritto. Questa opinione deriva da una inesatta nozione del dolo specifico. Il fine di esercitare un preteso diritto, invero non e' altro che l'intenzione di farsi ragione da se medesimo, e siccome questo 'farsi ragione ecc' non e un quid che sta al di la del fatto che costituisce il reato, ma il fatto medesimo (azione ed evento) il dolo richiesto deve ritenersi generico, e non specifico"*[11]

Fil-kaz in desamina jirrizulta li l-appellant qabad u pogga xi virga fit-trinka li kien hafer u dan bhal linja tal-hajt divisorju li kien qed jinbeda u li sa dak il-hin kien ghad fadal erbghin pied ta hajt x'jigi kostruwit . Ma jirrizultax li in effetti l-parte civile kellha xi dritt fuq din it-trinka u lanqas ma kienet qed tippretendi li ghandha u ghalhekk dan it-tieni element ukoll ma jirrizultax.

[10] Il-Pulizija vs Eileen Said deciza App.Inf 19/06/2002
[11] Il-Pulizija vs Mario Lungaro deciz App.Inf. 15/11/1996

**Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika**.

Illi l-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-*actio spolii* – huwa li tipprotegi l-istatus quo.[12]

Issa immaterjalment mill-jeddijiet ta' natura civili li jgawdi l-appellant fuq din il-proprjeta, jirrizulta inkonfutabbilment illi l-kwerelant sa minn meta xtara l-proprjeta kellu access liberu ghal din it-trinka tant li kien jidhol f'din it-trinka kul meta hass il-htiga u hadd qatt ma kien waqfu lanqas meta kienet qedtjig imhaffra it-trinka . Dan ifisser illi l-appellanti fl-ebda hin ma biddel l-istatus quo ta din it-trinka.

**In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.**

Illi minn ezami tax-xhieda moghtija u tal-elementi precedenti jirrizulta b'mod inekwivoku li dak li ghamel l-appellant fil-fatt ma tikkostitwixxi l-ebda reat lanqas dak oi gie akkuzat bih.

Ghalhekk fid-dawl ta dak li ntqal aktar 'l fuq, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti ma kienitx korreta fil-gudizzju taghha meta sabet lill-appellanti hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-appellanti u tirrevoka s-sentenza appellata in toto b'dan illi d-drittijiet civili appartenenti lill-partijiet jibqghu impregudikati b'din id-decizjoni.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

[12] Il-Pulizija vs Jane Scicluna App.Inf. 09/02/2010